**Mulej int għandek bżonni**

Mulej int għandek bżonni
Hekk smajt m'għand qassis,
Dil-kelma tant laqgħtitni
Li neħħietli kull tqassis.

Meta ninġarr b'paroli
Li nlissen ngħid tkellimt
Jaħasra, iblaħ jien
Li l-ħażen b'fommi xerridt.

Kemm kien aktar jaqbilli
Li nintsab fis-skiet ħdejk,
U hemm, għall-kwiet, nisimgħek
Noqgħod inħares f'għajnejk.

Minn dik ħarstek hekk ħiemda
Taf x'ninduna O Ġesù?
Li s-skiet m'hawnx isbaħ minnu
Meta mħaddem ta' virtù.

Għax hu skiet li wisq jisma'
Jaf jixxotta ħafna dmugħ,
Jaf jistabar fit-tiġrib
Jaf ifarraġ wisq il-qlub.

U liema qalb imnikkta
Għandha bżonni O Mulej?
Qed inħoss ġewwa fija
Li hi tiegħek, O Feddej.

Qed inħossok tant tibki
Bi dmugħek ħsiltni kollni,
Għax tridni noqgħod miegħek
Biex tħobbni, kemm tolqotni!

Il-fiduċja hekk kbira
Li għandek int għalija,
Kemm tiżboq imħabbieti
Li bil-wisq daħku bija.

Ġesù ħa npoġġi qalbi
Fuq qalbek hekk muġugħa,
Għax wara li tat kollox
Tinsab sula, miblugħa!

Ħallini ngħannaqhielek
U ngħożżha b'qalbi kollha,

Ngħidilha kliem ta' mħabba
Li ċaħditlek il-folla.

Ara x'nagħmlu O Ġesù
Ejja nieħdu ftit kafé,
Tinkwetax, se jgħaddilek
Hawn, għalik, il-gabarrè.

Insiehom lill-ingrati
Għalihom jien noffrilek,
Tbatijiet qalbi mnikkta
Bil-bosta jfarrġuk lilek.

Issa tbissimli waħda
Ma rridx narak bil-buri,
Ejja Ġesù ħa mmorru
Int mħabba mhux unuri.

Jekk is-sandli problema
Ħa nixtrilek dal-papoċċ,
Li jgħinek timxi ħafna
Timxi dritt u mhux bl-addoċċ.

Għandi għalik beritta
U nuċċali tant sabiħ,
Ħalli meta lkoll jarawk
Qalbhom għalik biss tiblieħ.

Iftaħli jdejk ħa ngħannqek
Ibki fuq spallti ħija,
Hekk irridek Ġesù jien
Li titlobni bil-ħniena.

Biex inħobbok, infarrġek
Nagħmillek kumpanija,
Ejj'mmorru niddevertu
B'mixja għall-arja sajfija.

Grazzi li b'fomm il-qassis
Int għedtli: "Għandi bżonnok",
Millum 'l hemm għalik ħa nkun
It-tieni ħabib u ommok.

Patri Mario Attard OFM Cap
13 ta' Lulju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen